**Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(2017/C 205/07)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) qed jiġu emendati kif ġej:

*Fil-paġna 208*

*It-test:*

"**4418 90 10 Injam laminat bil-kolla**

'Ara n-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 4418, it-tielet paragrafu.'

**4418 90 80 Oħrajn**

Din is-subintestatura tinkludi l-pannelli tal-injam ċellulari deskritti fin-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 4418, ir-raba' paragrafu."

*jinbidel b'dan it-test:*

"**4418 99 10 Injam laminat bil-kolla**

'Ara n-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 4418, ir-raba' paragrafu.'

**4418 99 90 Oħrajn**

Din is-subintestatura tinkludi l-pannelli tal-injam ċellulari deskritti fin-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 4418, il-ħames paragrafu."

*Fil-paġna 215*

*Jitneħħa dan it-test:*

"**4805 91 00 Jiżnu 150 g/m$^2$ jew inqas**

Din is-subintestatura tinkludi l-karta u l-kartun magħmulin għalkollox mill-karta rkuprata (skart u fdal), mingħajr addittivi u b'indiċi ta' żbroff ta' 0,8 kPa jew iżjed iżda mhux aktar minn 1,9 kPa.

**4805 92 00 Jiżnu aktar minn 150 g/m$^2$ iżda inqas minn 225 g/m$^2$**

In-Noti ta' Spjega għas-subintestatura 4805 91 00 japplikaw, *mutatis mutandis*.

**4805 93 20 Magħmulin mill-karta rkuprata**

In-Noti ta' Spjega għas-subintestatura 4805 91 00 japplikaw, *mutatis mutandis*."

*Fil-paġna 342*

*Jitneħħa dan it-test:*

"**8529 Partijiet tajbin biex jintużaw biss jew l-aktar mal-apparat tal-intestaturi 8525 sa 8528**

Din l-intestatura ma tinkludix it-trepiedi li jintużaw mal-kameras tal-intestatura 8525 jew il-Kapitolu 90 (klassifika skont il-materjal kostitwenti tagħhom)."

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 at-23 ta' Lulju, 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.